Minuti tal-Erbatax (14) il-Laqgħa tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Raymond Bartolo | 6.20 p.m. | 9.00 p.m. |
| Viċi Chairperson Simone Aquilina | 6.00 p.m. | 9.00 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Peter Abela | 6.00 p.m. | 9.00 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Carmel Hili | 6.00 p.m. | 9.00 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Joseph Mario Hili | 6.00 p.m. | 9.00 p.m. |

Iċ-Cerpersin mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Sindku, l-Perit Graziella Galea kienet indisposta. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti tat-Tlettax (13) il-Laqgħa li nżammet fis-16 ta' Novembru, 2011**

Il-minuti tat-tlettax il-Laqgħa tas-16 ta' Novembru, 2011 ġew approvati wara li saret emenda f'*item* 1.0 billi żdiedu l-kliem **" u biex jissostanzja dak li qal huwa semma żewġ okkażjonijiet fejn fil-minuti ġew attribwita kliem li huwa qatt ma qal. Madankollu huwa qal ukoll li meta ntalbet korrezzjoni din ġiet milquha u ġew ikkoreġuti."** wara l-kliem "dwar il-minuti tal-Kunsill" fit-tielet paragrafu ta' dan l-*item*.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tas-16 ta' Novembru 2011**

2.01 **Dwar Item 1.00** is-Sur Carmel Hili spjega li dwar *item* 10.00 meta huwa kien qal il-kliem **"ma nkunux waħedna"** huwa ma qalx dan il-kliem b'xi theddida.

Is-Sur Peter Abela qal li dan il-kliem ingħad b'ċertu ton qawwi. Is-Sur Abela qal ukoll li meta nqraw il-minuti, s-Sur Joe Hili qal li huwa kien qed jippreżenta lis-Sur Carmel Hili li kien assenti f'dik il-laqgħa.

2.02 **Dwar Item 2.00.01** Il-linji sofor issa saru u jonqos biss li tinqata' biċċa mit-*traffic island*.

2.03 **Dwar Item 2.00.02** Is-Sur Carmel Hili qal li huwa jitlob il-kopji tal-korrispondenza kollha li ssir mill-amministrazjoni tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din mhix il-proċedura iżda jekk jkun hemm xi korrispondenza partikulari li s-Sur-Hili jixtieq jara, dan għandu jagħmel talba u tingħatalu l-kopja jew kopji tal-korrispondenza relattiva.

2.04 **Dwar Item 2.00.04** Iċ-Cerpersin is-Sur Ray Bartolo qal li huwa flimkien mas-Sur Peter Abela kellhom laqgħat mal-Kumitat tal-Futbol ta' Burmarrad dwar il-kwistjoni tad-dawl. Saret proposta li l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad jkun aktar jaqbillu li jħallas il-kont pendenti tad-dawl u ilma. Dan għandu jsir għaliex il-Kunsill Lokali qatt ma kien ħallas sehmu tal-kontijiet u dan minkejja li kien għal snin sħaħ juża' d-dawl sabiex idawwal il-*playground* anness mal-futbol grawnd. Kien hemm kont pendenti ta' 2,600 Euro. Wieħed irid iqis li jekk minflok issir sistema ta' dawl b'sistema solari, din kienet tiswa madwar 7,500 Euro.

Is-Sinjura Simone Aquilina qalet li hija xorta waħda taqbel li għandha issir sistema ta' *solar lighting*.

Is-Sur Carmel Hili qal li wieħed irid joqgħod attent jekk il-grawnd u l-*playing field* kienux fil-konfini ta'Burmarrad.

Kien hemm qbil unanimu li għandu jitħallas il-kont pendenti wara li ssir verifika mal-Enemalta u jiġi wkoll ikkonsultat lill-avukat.

2.05 **Dwar Item 4.01** Għandha tiġi kkuntatjata l-Perit Lorraine Cassar ta' Transport Malta dwar l-identita' tas-sid tal-Blokka l-Kbira fi' Triq Manuel Bonnici.

2.06 **Dwar Item 4.03** Is-Sur Ray Bartolo qal li huwa kien qed jistenna stima mingħand il-Perit.

2.07 **Dwar Item 4.04** Intqal li kien hemm diffikulta biex jinstab sid ir-razzett imġarraf li jinstab fil-kantuniera ta' Triq il-Knisja u għalhekk għandu jintbgħat rapport lill-Pulzija.

2.08 **Dwar Item 7.00** Sar it-tiżjin tal-Milied f'Burmarrad u dan kien sabiħ u effettiv. Ġie deċiż li għas-sena d-dieħla wieħed għandu jikkonċentra aktar fuq il-Wardija. Ġie deċiż ukoll li għas-sena d-dieħla jiġu allokati 1,000 Euro għat-tiżjin fil-Wardija.

Il-Kumitat irringrazzja lill-Kumitat Tal-Festa Burmarrad għas-sehem tiegħu f'dan it-tiżjin.

## 3.00 Materji Finanzjarji.

3.01 Ġiet ippreżentata lista tal-kontijiet finanzjari tal-Kumintat Amministrattiv kif ippreparata mill-*Accountant* s-Sinjura Perici Ferrante. Ġie deċiż li s-Sinjura Perici Ferranta tintalab tkun preżenti fil-laqgħa li jmiss biex tispjega u tirrispondi għal mistoqsijiet tal-Membri.

Ma kienx hemm korrispondenza u għalhekk l-laqgħa għaddiet għall-item li jmiss.

## 4.00 Korrispondenza u Kommunikazzjonijiet.

4.01 Ittra mingħand l-Avukat Ragonesi dwar ġebel perikoluż fit-telgħa tal-Wardija. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-Superintendent Sammut tal-Pulizija tal-Mosta kien infurmah li kien qed jiġi ppreparat rapport mil-Perit tal-Gvern kif ukoll rapport ta' ġeologista. Iċ-Cerpersin is-Sur Ray Bartolo qal li huwa kien kiteb ukoll lid-Dipartiment tal-Gvern dwar dan il-periklu li jeżisti.

## 5.00 Kartolina tal-Milied.

5.01 Iċ-Cerpersin, is-Sur Raymond Bartolo, informa li wara konsultazjoni mal-Membri, il-Kartolina tal-Milied kienet tlestiet u issa kien fadal it-tqassim bieb bieb ta' 800 *unaddressed* kartolina f'Burmarrad u l-Wardija bil-prezz ta' 25 Euro. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 6.00 Aġġornamenti dwar il-Proġetti

6.01 Iċ-Cerpersin, is-Sur Raymond Bartolo informa li l-bażi tal-konkos tal-*outdoor gym* issa kienet lesta u kien jonqos biss li jitwaħħal l-*equipment*.

6.02 Iċ-Cerpersin, is-Sur Raymond Bartolo informa li xogħol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Busewdien fil-Wardija issa kien tlesta. Ix-xogħol ser jiswa 50,000 Euro li minnhom il-Kunsill kien ser joħroġ is-somma ta' 20,000 Euro.

6.03 Iċ-Cerpersin, is-Sur Raymond Bartolo informa li Transport Malta kienet approvat it-talba għal *timed parking* fi Triq Burmarrad.

**7.00 Aġġornamenti dwar is-Sit Elettroniku.**

Iċ-Cerpersin, is-Sur Raymond Bartolo informa li kienet saret laqgħa mas-Sur Stefan Debattista ta' 12Works u kien jidher li dawn għandhom prodott tajjeb hafna. Għandha issir laqgħa oħra interna bejnu u l-Membru s-Sinjura Simone Aquilina biex jiġu deċiżi d-dettalji tal-bżonnijiet ta' dan is-sit elettroniku.

**8.00 Aġġornamenti dwar il-Provista tal-Eletriku għall-*Playingfield*.**

Dan is-suġġett ġie ttrattat fil-punti li joħorġu mill-Minuti f'*item* 2.04.

**9.00 Aġġornamenti Dwar *Traffic Management*.**

Il-Membru Peter Abela qal li huwa kien qed jaħdem fuq proposta dwar dan is-suġġett u għandu jippreżenta *draft* ta' din il-proposta aktar 'il quddiem. Huwa kien informa wkoll li kien ser jagħmel laqgħa mal-Perit Audrey Testaferrata de-Noto ta' Transport Malta.

**10.00 *Resufacing* fi Triq Gwanni Pawlu II**

Iċ-Cherpersin, is-Sur Raymond Bartolo qal li huwa kien irċieva telefonata mingħand ċertu "Kevin" dwar dik il-parti ta' Triq Gwanni Pawlu II li għadha mhix lesta. Huwa kien qed jofri li jwitti l-konkrit huwa stess kif ukoll jagħmel ix-xogħol tal-ħitan jekk il-Kumitat jipprovdi b'madwar 90 jarda konkrit li l-prezz tiegħu hu xi 54 Euro l-jarda kubu.

Ġie approvat li jsir dan suġġett għal parir tal-perit.

**11.00 Aġġornamenti.**

11.01 Il-Membru s-Sur Carmel Hili ippreżenta lista kif riprodotta hawn taħt bir-risposti taċ-Cerpersin fejn applikabli:

(a) Niktbu lil Transport Malta sabiex isir *resurfacing* tat-Triq Burmarrad minn fejn l-iScotts Supermarket sal-Premier kif diġa' ġie ssuġġerit mill-Kunsillier is-Sur Raymond Tabone fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

Iċ-Cerpersin qal li dan ser isir u diġa' ġejna nfurmati minn Transport Malta dwar dan xi żmien ilu.

(b) Isir kuntatt mas-Sur Albert Mamo, Commissioner of Lands, Auberge de Baviere, Valletta VLT 2000 jew e-mail albert.v.mamo@gov.mt sabiex nistaqsu lid-Dipartiment tal-Artijiet x'art hemm li hi proprjeta tal-Gvern f'Burmarrad u l-Wardija sabiex nibdew nippjanaw il-bini tal-latrini, waħda f'Burmarrad u l-oħra l-Wardija. Jiena kellimt lis-Sur Joe Agius mill-Lands Department u ssuġġerixxieli li niktbu direttament lis-Sur Mamo.

Ma ittieħdet l-ebda deċiżjoni dwar dan.

(c) Triq l-Insolja: x'sar mil-lampa li kellha titwaħħal (tlabtha diversi xhur ilu) u mis-*sleeping policeman* li suppost ilha xhur li kellha issir.

Iċ-Cerpersin qal li ghadna qed nistennew l-istima min Enemalta. Rigward is-*Sleeping policemen* erġajna bagħtna *siteplan* ta' fejn għandha tiġi lil Transport Malta.

(d) Napplikaw mal-Enemalta għal-lampa fuq arblu fi Triq il-Ballut Wardija, fin-nofs tat-triq preferibbilment.

Is-Sinjura Simone Aquilina qalet li hi taħseb li r-residenti ta' hemmhekk (fejn qed isemmi s-Sur Hili) ma jridux dwal f'dik iż-żona.

(e) Nagħmlu pressjoni fuq l-Enemalta biex tinxtegħel minnufih lampa li twaħħlet fejn jispiċċa t-tarmak ta' Triq Wied Qannotta bħal tnejn oħra li saru aktar 'il ġewwa u li inxtegħlu mill-ewwel.

Iċ-Cerpersin qal li l-applikazjoni saret speċifikament minnu għan-nom tal-Kumitat Amministrattiv mingħajr ma kien hemm l-ebda talba mir-residenti. Din għadha ma nxtgħelitx għax qed nistennew stima mill-Enemalta.

(f) Napplikaw ma' Transport Malta għal *un/loading bay* ħdejn il-Panorama Bar mal-kantuniera kif iddur minn Triq Burmarrad għal Triq il-Magħsar.

Iċ-Cerpersin qal li l-individwu għandu japplika hu direttament mat-Transport Malta u aħna nagħtu biss in-*no objection* (hekk kif sar f'każijiet oħra).

(g) Ħdejn l-iScotts Supermarket issir tabella *No Exit* mill-parking għal ġo Triq il-Wardija jew jitbaxxa l-ħajt tas-sejjieħ u jsir *sleeping policeman* għax il-karozzi qed joħorġu miż-żona tal-parkeġġ tal-iScotts ġo Triq il-Wardija b'sogru kbir għalihom u għall-karozzi/trakkijiet li jkunu neżlin minn Triq il-Wardija lejn Triq Burmarrad.

Is-Sur Peter Abela ippropona li jsiru l-mirja. Ic-Cerpersin qal li jiġi deċiż x'inhu l-aħjar li jsir wara li huwa jkellem lil Mario Said (sid tal-iScotts Supermarket) dwar dan peress illi hemmhekk art privata.

(h) Tabella ta' isem it-triq fi Triq is-Sardin għadha ma twaħħlitx u oħra fi Triq Gwanni Pawlu II ukoll għadha ma twaħħlitx.

(i) Nitolbu spjegazzjoni minn Transport Malta għaliex Triq Manwel Bonnici ma ġietx magħmula kollha kif suppost iżda parti minnha ġiet miksija bil-konkos minflok bit-tarmak.

Iċ-Cerpersin spjega li l-art f'dik il-parti hija privata u Transport Malta kienu kostretti li jagħtuha bil-konkos, inkella sid l-art jitlef il-pussess fuq l-istess art.

(j) Irċevejna xi korrispondenza dwar il-mozzjoni tal-ispiżerija li bgħatna lis-Segretarju Parlamentari Onor. Dr. Chris Said u lill-Ministru tas-Saħħa Onor. Dr. Joseph Cassar.

Iċ-Cerpersin irrisponda li ma kienx hemm rispons.

(k) Nirrevedu d-deċiżjoni dwar il-*Welcome Boards* li ħadna fl-4 ta' Mejju 2011 (Id-Disgħa Laqgħa) għax għaddew sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni u għadna bla risposta meta se ningħataw l-istemma. Naħseb li stennejna biżżejjed.

Iċ-Cerpersin qal li għandna nistennew lid-Dipartiment biex tittieħed deċiżjoni dwar l-istemmi tal-Kumitati Amministrattivi.

11.02 Iċ-Cerpersin qal li l-Kuntrattur Adam Bugeja għandu jkompli bil-*culverts* fi Triq Burmarrad. Huwa wkoll talab li dan jagħti stima biex jingħata l-konkrit fit-toqob tal-arbli tal-festa u biex jitranġaw il-kanali tal-ilma li hemm mikxufin fil-bankini tal-Main Road.

Hu qal ukoll li hemm bżonn ta' mera quddiem ta' Grima tal-Wardija u li s-Sur Joshua Grima (ta' B.Grima and Sons) diġa' ġie infurmat b'dan.

11.03 Is-Sinjura Simone Aquilina talbet li jsiru l-linji sofor ħdejn Cassa Dei Baroni fejn sar it-tarmak ġdid dan l-aħħar.

**12.00 Tmiem tal-Laqgħa.**

Fi tmiem il-laqgħa iċ-Cerpersin qal li f'Jannar ser issir l-ikla ta' l-aħħar tas-sena. Huwa għandu jinforma lill-Membri bid-dettalji aktar tard.

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija. Gie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Jannar 2012, fis-sitta ta' filgħaxija.

***Ray Bartolo***
***Cerpersin***

***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***